MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 280/2011

**A B**

**vs**

**C B u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2011 Jacqueline Pisani giet nominata bhala kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri H B ; Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi nhar l-Erbgha, sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieldet mill-esponenti A B nee' l tarbija li inghatat l-isem ta' H u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progessiv elf sitt mija u sitta u tmenin (1686) tas-sena

elfejn u tmienja (2008). Kopja ta’ estratt mill-att tat-twelid qieghda tigi hawn annessa bhala Dokument A;

2. Illi peress li legalment l-esponenti A B hija mizzewga lill-konvenut C B gie dikjarat f’dan l-att tat-twelid li t-tarbija hija wild l-istess C B, tant illi fil-hames colonna taht l-intestatura “Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier” hemm indikat illi l-istess tarbija hija wild *“C B (Pieta’, Malta)”;*

3. Illi l-esponenti A B ilha separata de facto minn Eurgenio B ghal aktar minn hames (5) snin u attwalment hemm proceduri ta’ separazzjoni pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet A B vs C B bin-numru progressiv 280/2010NC fejn l-esponenti qieghda titlob li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali minn ma zewgha C B;

4. Illi ghalhekk l-esponenti A B kienet f’imposibbilita’ fizika li tghammar mal-konvenut C B fi zmien tlett mitt jum (300) u mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tat-tarbija H;

5. Illi effettivament ghalhekk il-konvenut C B li huwa r-ragel ta’ l-esponenti A B m’humiex il-missier naturali tat-tarbija H;

6. Illi bhala l-persuna li nisslet lit-tarbija l-esponenti taf fic-cert li huwa impossibli li missier l-imsemmija H ikun l-imsemmi C B u fil-fatt skond ma jidher mill-anness rizultat ta’ test ta’ paternita’ (DNA Paternity Test Report) kondott minn Dr Marisa Cassar immarkat bhala Dokument ‘B’ kif ukoll mill-affidavit tal-istess Dr. Marisa Cassar hawn anness bhala Dokument ‘C’, jirrizulta illi l-konvenut C B certament ma huwiex il-missier naturali ta’ H, bint l-esponenti A B;

7. Illi l-esponenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 77C tal-Kodici Civili biex tipprosegwi bil-prezenti kawza (ara Dokument ‘D’ hawn anness);

8. Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghda tipprocedi bil-prezenti kawza sabiex l-att tat-twelid tal-imsemmija minuri H jigi emendat fis-sens illi l-konvenut C B ma jibqax aktar jidher bhala missier il-minuri meta dan ma jirrispekkjax il-verita’ u minflok jigi dikjarat illi missier il-minuri m’huwiex maghruf, filwaqt li ssir kwalsiasi korrezzjoni opportuna biex il-kunjom tal-minuri jirrispekkja dak xebba tal-omm naturali;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tiddikjara illi l-konvenut C B mhux il-missier naturali ta' H B li twieldet minn A B nhar l-Erbgha, sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li l-att tat-twelid taghha jinsab registrat bin-numru elf sitt mija u sitta u tmenin (1686) tas-sena elfejn u tmienja (2008);
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jiehu hsieb jaghmel il-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tal-istess minuri bin-numru progessiv elf sitt mija u sitta u tmenin (1686) tas-sena elfejn u tmienja (2008) fis-sens illi minflok il-konnotati tal-konvenut C B jitnizzel il-kliem 'missier mhux maghruf', u tordna li ssir kull modifika ohra li tkun mehtiega f'dak l-att biex titnehha kull referenza ghall-istess C B u kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;
3. Konsegwentement tordna wkoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jiehu hsieb jaghmel id-debita korrezzjoni tal-kunjom tal-minuri biex dan jigi jirrispekkja l-kunjom xebba tal-omm naturali, u cioe' 'I';

Bl-ispejjez tal-prezenti kawza u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharrka;

Rat il-lista tax-xhiea tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li, din l-azzjoni, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri H, kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri H, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri H,

l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilha illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha C B u dan tul il-perijodu li jispeċifika **l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri H ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 1686 tas-sena 2008;

5. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati t-tielet u r-raba eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri H, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiż-żwieġ talanqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatement taħt il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm u ta' min għamel id-dikjarazzjoni, għandhom jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1686 tas-sena 2008;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attrici tikkontendi li ghalkemm il-minuri H twieled fiz-zwieg u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid taghha li hija l-wild naturali tal-intimat C B, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali ta' terz u ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jigi mibdul fis-sens li fil-kolonna relattiva tal-missier tal-imsemmija tarbija jigi mnizzel 'missier mhux maghruf'.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri H B twieldet nhar is-7 ta' Mejju 2008 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 6 tal-process. *Stante* li l-partijiet ghadhom ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni[1] u stante l-presunzjoni legali relatata mal-mizzewgin, l-intimat C B gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jnizzel lil dan il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u l-intimat C B. Min-naha taghha, r-rikorrenti tghid li mhux possibbli li l-

[1] 280/2010 RM (gia NC)

intimat huwa missier il-minuri *stante* li huma kienu ilhom hames snin separati *de facto.*

L-intimat C B min-naha tieghu jikkonferma wkoll li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu u li l-partijiet ilhom aktar minn 5 snin separati *de facto*. L-istess intimat jikkonfema wkoll li wara li nfirdu, qatt ma sehhet rikonciljazzjoni bejniethom u qatt ma ltaqghu hlief il-Qorti.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' dik li l-azzjoni odjerna kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li din l-eccezzjoni giet survolata permezz ta' rikors li gie intavolat nhar it-22 ta' Lulju 2012 u li gie milqugh nhar it-2 ta' Settembru 2011[2].

Illi dwar it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejnha u bejn l-intimat C B *ai termini* tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 kif ukoll li teghleb il-presunzjoni legali mahluqa minn Artikolu 81(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tat-test tad-DNA *test*[3] ipprezentat u mahluf in atti.

Illi dwar il-hames eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku il-Qorti taqbel li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li tkun taf min hu missierha izda jigi rilevat ukoll li fil-mori tal-kawza, r-rikorrenti ma tat ebda informazzjoni dwar min hu fattwalment missier it-tarbija. Min-naha l-ohra, il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat C B m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-twelid taghha ma jkunx

[2] Ara n-nota prezentata mill-attrici nhar is-6 ta' Gunju 2012
[3] Ara a fol 7 -9 tal-process hekk kif konfermat bil-gurament minn Marisa Cassar fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012

jindika persuna li huwa missierha meta huwa evidenti li dan mhux.

Illi in vista ta’ dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess minuri, din il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jigi applikat l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll sabiex tingheleb il-presunzjoni legali *ai termini* tal-Artikolu 81(2) tal-Kap. 16.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat C B mhux il-missier naturali tal-minuri H B li twieldet nhar is-7 ta’ Mejju 2008;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri H mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘C B’ bil-konnotati kollha tieghu inkluzi dawk id-dettalji dwar il-genituri tieghu u minflok jitnizzel ‘missier mhux maghruf’;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar kunjom il-minuri H u cioe’ ‘B’ u jissostitwih b’kunjom xebba tal-omm naturali u cioe’ I.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------